

## KARNIVAL FL-GĦARB 2020

Nhar il-Ħadd 16 ta' Frar, il-Kunsill Lokali l-Għarb organizza attivita' tal-Karnival fi Pjazza taż-Żjara tal-Madonna. Kien hemm żfin mill-aqwa minn gruppi taż-żfin Maltin u Għawdxin b'kostumi spettakkolari. Batuca Beat Band u Escola de Samba Roma – Rio kienu wkoll parti mill-programm. Kien hemm ukoll il-kompetizzjoni tal-maskarat misterjuż. Nawguraw lil Ruben Camilleri Cauchi li rebaħ din il-kompetizzjoni u grazzi kbira tmur lil Adrian Formosa li libes tal-maskarat. Waqt l-attivita' tqassmu prinjolata, popcorn u mulled wine b'xejn għal dawk kollha preżenti.



## *GĦARB CARNIVAL 2020*

*On Sunday 16th February, l-Gharb Local Council organised a Carnival event at Pjazza taż-Żjara tal-Madonna. There were spectacular dance shows and Grotesque Masks by various Carnival groups from Gozo and Malta. Batuca Beat Band and Escola de Samba Roma – Rio were also part of the event were they gave unique dances and played music from their culture. A mysterious person was also mingling in the crowd and then the audience participated in a competition to guess who it was. Special thanks to Adrian Formosa who was the mysterious man and congratulations to Ruben Camilleri Cauchi for winning this competition. Free mulled wine, popcorn and prinjolata were also distributed to all those present.*







# Il-Pjazza

**Vol. 9 – Marzu 2020 – No 1** **Fuljett ta' informazzjoni mahrug mill-Kunsill Lokali ta' l-Gharb**

***Vol. 9 – March 2020 – No 1*** ***Information leaflet published by l-Gharb Local Council***

## ATTIVITÀ – CELEBRATE LOVE



Nhar il-Ġimgħa 7 ta' Frar, il-Kunsill Lokali l-Għarb organizza attivita' 'Celebrate Love' bil-kollaborazzjoni tal-Għaqda Mużikali Viżitazzjoni u l-Ministeru għal Għawdex. Din l-attivita' kienet assoċjata ma' Jum San Valentinu u saret ġewwa l-każin tal-Banda taħt il-kordinazzjoni ta' Mariella Spiteri Cefai u Jamie Camilleri. Din l-attivita' kienet tinkludi kant bit-tema tal-imħabba li nkludew fost l-oħrajn "Can you feel the love Tonight" minn'Lion King'u "Porgi Amor" mill-Opra "Le Nozze de Figaro". Il-kantanti bravi Louis Andrew Cassar, Georgina Gauci, Ruth Portelli, Alan Sciberras u Mariella Spiteri Cefai akkumpanjati mill-pjanista Amy Rapa taw xow eċċellenti. Din l-attivita' saret taħt il-patronċinju tal-Ministru għal Għawdex, l-Onorevoli Clint Camilleri. Waqt is-serata tqassmu ikel u xorb kif ukoll ingħatat warda tal-okkażjoni.

## *CELEBRATE LOVE*

*On Friday 7th February, l-Għarb Local Council with the collaboration of Għaqda Mużikali Viżitazzjoni and the Ministry for Gozo organised "Celebrate Love", an event associated with Valentine's. This event was held at the Band Hall and was coordinated by Mariella Spiteri Cefai and Jamie Camilleri. All songs and arias had a main theme – love and included "Can you feel the love Tonight" from the Lion King and "Porgi Amor" from the opera "Le Nozze de Figaro". The talented singers Louis Andrew Cassar, Georgina Gauci, Ruth Portelli, Alan Sciberras and Mariella Spiteri Cefai accompanied by pianist Amy Rapa gave a remarkable and breathtaking show. This event was held under the patronage of the Minister for Gozo Hon. Clint Camilleri. Free appitizers, apperatives and roses were distributed during the show.*





InPrintMalta - Gharb - 7701 6000

**Ikkuntattjana / *Contacts*:** **L-Gharb Local Council**
**Indirizz postali / *Postal address*:** L-Gharb Local Council, Visitation Street, L-Gharb, Gozo GRB 1044
**Indirizz tal-emejl / *Email address*:** gharb.lc@gov.mt • **Websajt / *Website*:** www.gharbnet.com
**Cempel servizz 24h / *Telephone 24h service*:** 21560556 • **Facebook:** Gharb Local Council

**PREŻENTAZZJONI LIR-REBBIEĦA TAL-EUROPEAN MOBILITY WEEK 2019**

Bħala parti mill-European Mobility 2019 nhar is-Sibt 8 ta' Frar, 2020 saret il-preżentazzjoni tal-mutur tal-elettriku lir-rebbieħa Kimberly Stellini mis-Sindku David Apap ġewwa l-Kunsill Lokali.



***EUROPEAN MOBILITY WEEK 2019 PRESENTATION TO THE WINNER***

*As part of the European Mobility Week 2019, the electric bike was won by Ms. Kimberly Stellini and it was presented to her by Mayor David Apap on 8th February, 2020.*

**MUTURI TAL-ELETTRIKU**

Il-Kunsill Lokali Għarb qed jerġa jesplora l-possibilita' li jagħti sussidju għall-muturi tal-elettriku. Għaldaqstant dawk iż-żgħażagħ li jagħlqu s-16 –il sena u ma jkunux għalqu t-18 –il sena sa l-aħħar ta' Mejju 2020 huma ġentilment mitluba sabiex juru l-interess tagħhom u jinkitbu ġewwa l-Kunsill Lokali Għarb filwaqt li jippreżentaw il-karta tal-identita' tagħhom.

**ELECTRIC MOTORS**

L-Għarb Local Council is once again considering the possibility to give subsidy for electric motors. Therefore youths that will be 16 and will not be 18 by the end of May 2020 are kindly requested to show their interest and register at the Local Council whilst presenting their ID card.

**'GĦARB BOĊĊI GROUP'**

Il-Kunsill Lokali l-Għarb jixtieq jawgura lill-membri ta' grupp ġdid fil-qasam tal-isports 'Għarb Boċċi Group'. Dan il-grupp beda jilgħab minn ġewwa l-pitich tal-boccifil-playing field fi Triq Tumas Cassar. Nhar il-Ħamis 27 ta' Frar, il-Kunsill Lokali l-Għarb preżenta sett ta' boċċi ġodda lil dan il-grupp. Dawk interessati li jingħaqdu ma' dan il-grupp huma mitluba jċemplu fuq 99420798.



***'GĦARB BOĊĊI GROUP'***

*L-Għarb Local Council would like to congratulate the members of a new formed group in our locality 'Għarb Boċċi Group'. This group started playing in the allottedpitch at the playing field in Tumas Cassar Street. On Thursday 27th February, l-Għarb Local Council presented a new set of balls to this group. Those interesed in joining are kindly requested to call on 99420798.*

**RENOVAZZJONI TA' KMAMAR FL-ISKOLA PRIMARJA TAL-GĦARB**

Għal dawn l-aħħar xhur il-Kunsill Lokali l-Għarb bil-kollaborazzjoni tal-Iskola Primarja tal-Għarb ħa l-inizjattiva biex jiġu renovati tlett klassijiet ġewwa l-Iskola Primarja tal-Għarb. Dawn jinkludu l-klassi tal-Arti, l-Complimentary room u l-board room.

***RENOVATION AT GĦARB PRIMARY SCHOOL***

*For the past months the Għarb Local Council with the collaboration of Għarb Primary School took the initiative to renovate three classes at Għarb Primary School. These include the Art room, complimentary room and the board room.*

**ATTIVITAJIET GĦAL ŻMIEN L-GĦID**

Nhar il-Ħadd 29 ta' Marzu, Ħadd il-Palm ser jiġi nstallat disinn kbir bil-melħ fi Pjazza taż-Żjara tal-Madonna minn Grupp Infjoraturi Għarb flimkien ma' Valentina Mammana. Din l-attivita' ser tiġi organizzata bil-kollaborazzjoni tal-Ministeru għal Għawdex.

Nhar Ħadd il-Għid fit-12 ta' April, il-Kunsill Lokali tal-Għarb ser iqassam figolla tal-Għid lit-tfal tal-parroċċa wara l-purċissjoni tal-Irxoxt.



***ACTIVITIES FOR EASTER***

*On Sunday 29th March, Palm Sunday a large salt design will be installed at Pjazza taż-Żjara tal-Madonna by Grupp Infjoraturi Għarb along with Valentina Mammana. This event will be organised with the collaboration of the Ministry for Gozo.*

*On Easter Sunday, 12th April, the Għarb Local Council will be distributing Easter figolli to the Għarb parish children after the procession of the Risen Christ.*

**KORS - GĦAQAL ID-DAR, ĦAJJA AĦJAR**

Qed jiġi organizzat kors Għaqal id-dar, Ħajja aħjar. Dawk kollha nteressati huma ġentilment mitluba jirreġistraw il-Kunsill Lokali u jimlew formola sa mhux aktar tard mill-Erbgħa 11 ta' Marzu, 2020.

# Avvizi – Notice Board

**ĦARĠA F'GĦAWDEX**

Il-Kunsill Lokali l-Għarb ser jorganizza ħarġa bit-train madwar Għawdex nhar it-Tlieta 17 ta' Marzu, 2020. Waqt il-ħarġa ser jattendu għall-quddiesa ġewwa Marsalforn u jkun hemm ukoll ikla ta' nofsinhar fost l-oħrajn. Dawk interessati li jattendu huma ġentilment mitluba jirreġistraw il-Kunsill Lokali sa mhux akar tard mill-Ġimgħa 13 ta' Marzu, 2020.

***OUTING IN GOZO***

*The Għarb Local Council will be organising an outing in Gozo on Tuesday 17th March, 2020. The outing will include a mass in Marsalforn church and lunch. All those interested in attending are kindly requested to register at the Local Council by not later than Friday 13th March, 2020.*





**IMMANIĠJAR TAT-TRAFFIKU WAQT IL-ĦINIJIET TA' DĦUL U ĦRUĠ TAT-TFAL MILL-ISKOLA PRIMARJA TA' L-GĦARB**

Il-Kunsill Lokali l-Għarb qed jimplimenta mmaniġjar tat-traffiku għal waqt il-ħinijiet tad-dħul u ħruġ tat-tfal mill-iskola primarja. Din is-sistema qegħda tiġi mplimentata sabiex ikun hawn aktar sigurta' għat-tfal kif ukoll sabiex it-traffiku jibqa' għaddej mingħajr problemi. Għaldaqstant qed nitolbu l-koperazzjoni ta' kulħadd.

- Ebda' dħul fi Triq il-Viżitazzjoni minn fejn il-Bring-in-Sites bejn it-8.00am - 8.30am u bejn is-2.15am u 2.45pm (Xitwa) u mit-8.00am - 8.30am u 12.00pm – 12.30pm (Fis-Sajf)
- Ebda' dħul għal Triq l-Arċipriet Ġ. Camilleri minn Triq il-Viżitazzjoni bejn it-8.00am - 8.30am u bejn is-2.15am u 2.45pm (Xitwa) u mit-8.00am - 8.30am u 12.00pm – 12.30pm (Fis-Sajf)
- Ebda' dħul għal Triq il-Kan. F. Mangion minn Triq Karmni Grima bejn it-8.00am - 8.30am u bejn is-2.15am u 2.45pm (Xitwa) u mit-8.00am - 8.30am u 12.00pm – 12.30pm (Fis-Sajf)
- Dħul fi Triq il-Viżitazzjoni minn Triq il-Knisja sal-barrier ta' l-Iskola u devjazzjoni għal Triq il-Kan. F. Mangion, Triq Karmni Grima, Triq l-Arċipriet Ġ. Camilleri u Triq il-Viżitazzjoni.

Il-Pjanta tindika t-traffiku kif deskritt hawn fuq. F'każ ta' diffikulta' wieħed jista' jikkuntatja lill-Kunsill għal aktar tagħrif.




**TRAFFIC MANAGEMENT DURING SCHOOL OPENING AND CLOSING HOURS FOR GĦARB PRIMARY SCHOOL**

L-Għarb Local Council is implementing new traffic management scheme during the opening and closing of the Għarb Primary School. This system is being implemented for the safety of the children and to have a flowing traffic without problems. For this reason we are kindly asking everyone's co-operation.

- No access to Visitation Street (near bring-in-sites) from 8.00am to 8.30am and from 2.15pm to 2.45pm (Winter) and from 8.00am to 8.30am and from 12.00pm to 12.30pm (Summer).
- No access to Arċipriet Ġ. Camilleri Street from Visitation Street from 8.00am to 8.30am and from 2.15pm to 2.45pm (Winter) and from 8.00am to 8.30am and from 12.00pm to 12.30pm (Summer).
- No access to Can F. Mangion Street from Karmni Grima Street from 8.00am to 8.30am and from 2.15pm to 2.45pm (Winter) and from 8.00am to 8.30am and from 12.00pm to 12.30pm (Summer).
- Access to Visitation Street from Church Street up to school barrier or divert to Can F. Mangion Street.

The Site plan is indicating the flow of traffic as described above. In case of any difficulties please contact l-Għarb Local Council for more information.